ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
RIĊERKA, INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2018**

## l-GĦAXAR SENA IR-RELIĠJON IL-ĦIN: Siegħa u nofs

L-Isem: ____________________ Il-Klassi: _______________

**Din il-karta tal-eżami fiha DISA' taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

---

**Għall-użu tal-għalliema**

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima C | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Taqsima G | Taqsima H | Taqsima I | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 15 | 13 | 7 | 14 | 9 | 7 | 6 | 15 | 100 |
| | | | | | | | | | |

**TAQSIMA A** **(14-il marka)**

**IR-RELIĠJON X'TISWA?**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tikteb in-numri 1 sa 3 fil-kaxxi vojta tan-nofs.** *(3 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-fidi u r-raġuni | | meta nagħtu importanza esaġerata lil xi ħaġa. |
| 2. | Il-fanatiżmu huwa | | twemmin bla bażi raġonevoli. |
| 3. | Is-superstizzjoni hija | | għandhom bżonn xulxin. |

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.** *(3 marki)*

4. Il-ktieb qaddis tagħna l-Insara huwa l-**B**____________________.
5. Ir-Reliġjon **M**____________________ hija mibnija fuq ħames pilastri.
6. L-Induwisti u l-Buddisti jemmnu fir-**r**____________________ .

7. Ikteb **żewġ** sentenzi fuq Charles de Foucauld. *(4 marki)*

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

8. Ikteb madwar **sittin (60)** kelma dwar kif ir-reliġjon tista' tgħin lill-bniedem matul il-mixja ta' ħajtu. *(4 marki)*

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

**TAQSIMA B** **(15-il marka)**

**IL-KELMA TAL-MULEJ u ALLA LI JSALVA**



**Imla l-vojt.** *(5 marki)*

1. L-awtur ewlieni tal-Bibbja huwa ____________________ .
2. Il-Bibbja fiha____________________ ktieb.
3. Il-ktieb tal-Eżodu nsibuh fit-Testment il-____________________ .
4. Alla ta l-kmandamenti lil Mosè fuq il-muntanja ____________________.
5. Il-poplu Lhudi dam ____________________ sena fid-deżert.

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tniżżel in-numri minn 6 sa 9 fil-kaxxi tan-nofs.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 6. | L-Ispirazzjoni | | Alla juri lilu nnifsu permezz tal-ġrajjiet tal-Bibbja. |
| 7. | Ir-Rivelazzjoni | | L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja. |
| 8. | Il-Pentatewku | | Il-forma letterarja li ntużat fil-ġrajja tal-Eżodu. |
| 9. | Saga Reliġjuża | | L-għajnuna t'Alla fil-kitba tal-Bibbja. |

**Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin.**

10. Semmi **żewġ** mirakli li Alla għamel meta l-poplu Lhudi kien fid-deżert.

(a) ____________________________________________________ *(marka)*

(b) ____________________________________________________ *(marka)*

11. F'madwar **sittin** (**60**) kelma semmi **żewġ** personaġġi mill-Antik Testment u għid kif Alla ħadem permezz tagħhom. *(4 marki)*

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

**TAQSIMA C** **(13-il marka)**

**FIL-BIDU**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata.** *(2 marki)*

1. Ir-rakkont tal-ħolqien insibuh fil-ktieb tal-**Ġ**____________________ .
2. Alla ħalaq lill-bniedem **x**____________________ tiegħu.

**Wieġeb dan li ġej.**

3. Semmi u spjega **żewġ** simboli li jissemmew fir-rakkonti tal-ħolqien. *(4 marki)*

| Is-Simbolu | It-Tifsira |
|---|---|
| (a) | |
| (b) | |

4. Liema hi l-forma letterarja tat-**tieni** rakkont tal-ħolqien?

________________________________________ *(marka)*

5. Xi tfisser il-kelma 'evoluzzjoni'?

________________________________________

________________________________________ *(2 marki)*

6. X'inhu l-messaġġ reliġjuż tal-ewwel rakkont tal-ħolqien?

______________________________________________

______________________________________ *(2 marki)*

7. Semmi żewġ firdiet li ġab il-bniedem meta għamel id-dnub.

(a) ______________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA D** **(7 marki)**

**LEJN ŻVILUPP SĦIĦ: ĠESÙ KRISTU**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tniżżel in-numri minn 1 sa 3 fil-kaxxi tan-nofs.** *(3 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Taċitu | | Dokument Lhudi li jagħmel referenza għal Ġesù. |
| 2. | It-Talmud | | Wieħed mill-Evanġelisti li tkellem dwar Ġesù. |
| 3. | San Luqa | | Awtur pagan li jsemmi lil Ġesù. |

**Wieġeb dan li ġej.**

4. Kemm hemm Evanġelisti?

______________________________________ *(marka)*

5. Semmi miraklu li għamel Ġesù.

______________________________________ *(marka)*

6. Liema tagħlim ħareġ mill-Konċilju ta' Niċea?

______________________________________________

______________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA E** **(14-il marka)**

**FLIMKIEN: IL-KNISJA**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** *(10 marki)*

1. Il-Knisja bdiet meta________________________________________.
2. Ġesù għażel lil San Pietru bħala l-ewwel ______________________________.
3. Il-Moviment Ekumeniku jaħdem biex _________________________________.
4. Is-sagrament tal-Ordni Sagri jingħata meta ______________________________.
5. Il-Kolleġġjalità hija l-għaqda bejn ___________________________________.
6. Ikteb **żewġ** sentenzi dwar ix-xogħol li Ġesù ħalla f'idejn l-appostli biex tkompli tinxtered il-Knisja mad-dinja kollha. *(4 marki)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**TAQSIMA F** **(9 marki)**

**GĦALL-MAĦFRA U R-RIKONĊILJAZZJONI**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. X'kien ix-xogħol ta' Levi qabel sejjaħlu Ġesù?

   __________________________________________________ *(marka)*

2. Kif bidel ħajtu Żakkew wara li ltaqa' ma' Ġesù?

   ________________________________________________________

   __________________________________________________ *(2 marki)*

3. Agħti isem ieħor għas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

_______________________________________________ *(marka)*

4. Semmi sagrament ieħor li jaħfrilna dnubietna.

_______________________________________________ *(marka)*

5. F'madwar **sittin (60)** kelma għid kif Ġesù kien iġib ruħu mal-midinbin. *(4 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**TAQSIMA G** **(7 marki)**

**GĦAT-TIĠDID TAL-GĦAQDA**

1. F'liema **żewġ** taqsimiet naqsmu l-quddiesa?

   (a) _______________________________________________ *(marka)*

   (b) _______________________________________________ *(marka)*

2. F'liema ġurnata kienu jiltaqgħu l-ewwel Insara biex jiċċelebraw il-quddiesa?

_______________________________________________ *(marka)*

3. Bħala Nisrani/ja, x'għandu jkun l-atteġġjament tiegħek waqt il-quddiesa?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

4. Semmi sagrament li waqqaf Ġesù fl-Aħħar Ċena.

_______________________________________________ *(marka)*

5. Liema ġrajja mill-ħajja tal-poplu Lhudi ried ifakkar Ġesù fl-Aħħar Ċena?

_______________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA H** **(6 marki)**

**GĦALL-BINI TA' DINJA ĠDIDA**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B billi tniżżel in-numri minn 1 sa 4 fil-kaxxi tan-nofs.** *(4 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-ġid komuni | | tfisser li taqsam dak li għandek ma' ħaddieħor. |
| 2. | L-iskop tal-politika | | hija frott tal-ġustizzja f'soċjetà. |
| 3. | Il-paċi | | huwa l-ħarsien tal-drittijiet u tad-dmirijiet tal-bniedem fis-soċjetà. |
| 4. | Is-solidarjetà | | hu li tħares il-ġid komuni. |

**Wieġeb din il-mistoqsija.**

5. X'tifhem b'*volontarjat*?

______________________________________________

______________________________________ *(2 marki)*

**TAQSIMA I** **(15-il marka)**

Wieġeb, fuq karta separata, mistoqsija **1(a) (b) (c)** JEW **2(a) (b) (c)**.
It-tweġiba KOLLHA trid tkun ta' madwar **250** kelma.

**1. Aktar ma wieħed isir jixbah lil Ġesù, mhux biss isir aktar 'qaddis' imma jsir ukoll aktar 'bniedem'.**

(a) Semmi u rrakkonta **żewġ** ġrajjiet li juru li Ġesù kien bniedem. *(6 marki)*

(b) Semmi u rrakkonta **żewġ** ġrajjiet li juru li Ġesù kien Alla. *(6 marki)*

(c) Kif tista' inti, bħala Nisrani/ja, timita lil Ġesù fil-ħajja tiegħek? *(3 marki)*

**2. "Ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar tad-dinja." (Ġwanni 16, 33)**

(a) Irrakkonta **żewġ** parabboli li qal Ġesù dwar il-Knisja. *(6 marki)*

(b) Il-Knisja hija waħda, qaddisa, kattolika u appostolika.
Spjega **żewġ** kwalitajiet minn dawn. *(4 marki)*

(c) Kif twieġeb lil min jgħid: "Kristu...iva; Knisja...le"? *(5 marki)*

**TMIEM IL-KARTA**